MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 87/2007

**A.**

**-vs-**

**B;**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-27 ta' Frar, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi l-attur kellu relazzjoni *extra* maritali mal-konvenuta B, liema relazzjoni llum spiċċat.

2. Illi minn din ir-relazzjoni huma kellhom tifla, il-konvenuta X, nhar it-3 ta' Mejju, 2003, hekk kif jirriżulta mill-anness ċertifikat immarkat bħala Dok. A.

3. Illi l-attur dejjem ħaseb li l-minuri hija bintu naturali.

4. Illi fl-imsemmi ċertifikat tat-twelid, l-attur huwa mniżżel bħala l-missier naturali tat-tifla X.

5. Illi da riċenti, u *cioe'* fl-1 ta' Jannar, 2007, ir-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta B spiċċat.

6. Illi wara ftit jiem, l-attur daħallu suspett li l-minuri setgħet ma kinitx tiegħu u ddeċieda li jmur jagħmel id-*DNA test*.

7. Illi mid-*DNA test* irriżulta li l-attur ma kienx il-missier naturali tal-minuri X.

8. Illi kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża, u kif diġa' jirriżulta mir-riżultat tad-*DNA tests* magħmula fuq l-attur u fuq il-minuri X, il-missier naturali tal-konvenuta l-minuri X m'huwiex l-attur A.

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

i) tiddikjara li għall-finijiet u effett kollha tal-liġi li l-attur A m'huwiex il-missier naturali tal-konvenuta minuri X;

ii) tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid ta' l-imsemmija X, billi f'dik il-parti ddedikata għad-dettalji ta' missier il-wild, fejn hemm imniżżel li isem il-missier huwa l-attur bid-dettalji tiegħu, dawn jiġu mħassra u jiġi mniżżel illi l-wild imsemmija hija wild missier mhux magħruf.

Bl-ispejjeż u l-konvenuti nġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta B, ippreżentata fid-29 ta' Awissu, 2007, li permezz tagħha esponiet bir-rispett u bil-ġurament ikkonfermat:

1) Illi huwa minnu li l-esponenti u r-rikorrent kellhom relazzjoni intima bejniethom li bdiet fil-bidu tas-sena 2003 u spiċċat fl-1 ta’ Jannar, 2007.

2) Illi r-rikorrent dejjem insista ma’ l-esponenti li huwa l-missier naturali tal-minuri X li twieldet fit-3 ta’ Mejju, 2003, u kien insista li jitniżżel bħala l-missier fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri.

3) Illi l-esponenti tirrimetti ruħha għar-riżultanzi tad-*DNA test*, wara li dan jiġi kkonfermat minn min għamlu, u ma topponix ruħha għat-talbiet tar-rikorrent, jekk jiġi aċċertat li r-rikorrent m’huwiex il-missier naturali ta’ X.

4) Illi l-esponenti m’għandhiex tbati l-ispejjeż tal-kawża.

5) Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ l-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fit-13 ta’ Settembru, 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponent jeħtieġ li jipprova li l-kunsens tiegħu kien vizzjat mill-qerq, *stante* li fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni hu ddikjara li hu l-missier tat-tarbija.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost fil-mertu l-esponent m’huwiex edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għall-ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi r-rikorrent għandu jikkoreġi l-ewwel premessa u t-tieni talba dedotta fir-rikors ġuramentat, *stante* illi fl-ewwel premessa l-isem u l-kunjom ta’ l-omm it-

tarbija ġew indikati erronjament u fit-tieni talba, il-kunjom tal-minuri ġie ndikat erronjament.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artiklu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat, li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Deputati Kuraturi, ippreżentata fit-3 ta' Ottubru, 2007, li permezz tagħha qalu u kkonfermaw:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti tal-każ u jirriservaw li jipprovdu r-risposti tagħhom fid-dettall fi stadju ulterjuri.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jidher li hemm żball fl-ewwel premessa tar-rikors ġuramentat, u għalhekk għandha ssir il-korrezzjoni fl-isem.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament ir-rapport ta' l-espert tad-*DNA*, u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif titlob il-liġi.

Rat l-affidavit ta' l-attur.

Rat ukoll il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Mejju, 2008 fejn il-konvenuta B ddikjarat bil-ġurament li ma tafx min huwa l-missier tal-minuri.

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tas-16 ta’ Mejju, 2008 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha l-konvenuta B u rreġistrata bħala bintu m’hijiex fil-fatt bintu iżda bint missier mhux magħruf. Il-Qorti solitament ma taċċettax illi ssir dikjarazzjoni simili jekk ma jirriżultax li l-omm minħabba ċirkostanzi straordinarji verament ma tkunx taf min huwa l-missier, iżda f’dan il-każ jidhrilha li wara li semgħet lill-konvenuta bil-ġurament, għandha taderixxi għat-talba.

Din il-Qorti fil-kawża (fejn iċ-ċirkostanzi kienu għal kollox differenti) fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta’ Frar, 2001 kienet qalet hekk:

“*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f’dak iż-żmien ma kellhiex x’taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artiklu 77 tal-Kodiċi Civili (*Spiteri pro et noe vs Cilia et*, fost oħrajn, 30 ta’ Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta’ l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Artiklu 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili), meħuda ma’ dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubju f’moħħ il-Qorti dwar il-paternita’ tat-tarbija.*”

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f’din il-kawża fis-sens biss illi ma hemm ebda dubju dwar it-talba ta’ l-attriċi, u anke f’dan il-każ hemm ammissjoni ċara, u iktar importanti, anke r-rapport ta’ l-espert tad-*DNA.*

Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Artiklu 254 ġie sodisfatt billi l-pubblikazzjoni saret.

**Għalhekk il-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna li l-konnotati ta' l-attur A jitneħħew mill-att tat-twelid imsemmi u jiġi mniżżel li l-minuri hija bint missier mhux magħruf.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-attur A u l-konvenuta B fi kwoti ndaqs bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------